31980L0754

ID-DIRETTIVA TAL-KUMMISSJONI

tas-17 ta' Lulju 1980

li temenda l-Anness II tad-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE dwar il-*marketing* taż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf

(80/754/KEE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 66/401/KEE ta' l-14 ta' Lulju 1966 dwar it-tqegħid fis-suq taż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf [1], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 79/692/KEE [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 21a tagħha,

Billi, fid-dawl ta' l-iżviluppi fl-għerf xjentifiku u tekniku, l-Anness II li jinsab mad-Direttiva 66/401/KEE għandu jiġi emendat għar-raġunijiet elenkati hawn taħt;

Billi n-normi dwar il-kontenut massimu skond in-numru taż-żrieragħ ta' *Rumes spp*. għandhom jiġu addattati għan-normi tal-kwalità taż-żerriegħa normalment miksuba;

Billi l-miżuri li hemm provvediment dwarhom f'din id-Deċiżjoni huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar iż-Żrieragħ u l-Materjal ta' Propagazzjoni għall-Agrikoltura, l-Ortikoltura u l-Forestrija,

ADOTTAT DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness II tad-Direttiva 66/401/KEE huwa b'dan emendat kif ġej:

1. Fis-Sezzjoni I (2) (A), it-test ta' l-intestatura tal-kolonna 14 huwa mibdul b'dan li ġej: "*Rumex spp*. Apparti minn *Rumex acetosella* u *Rumex maritimus*";

2. Fis-Sezzjoni I (2) (B), it-test (n) huwa mibdul b'dan li ġej:
"Id-detterminazzjoni taż-żrieragħ ta' *Rumex spp*. apparti minn *Rumex acetosella* u *Rumex maritimus* skond in-numru mhux meħtieġ li jitwettaq sakemm ma jkunx hemm dubju jekk il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-kolonna 14 ikunux ġew imħarsa";;

3. Fis-Sezzjoni I (2) (A), it-test ta' l-intestatura tal-kolonna 4 huwa mibdul b'dan li ġej: "*Rumex spp*. Apparti minn *Rumex acetosella* u *Rumex maritimus*".

Artikolu 2

1. L-Istati Membri għandhom iġibu fis-seħħ il-liġijiet, irregolament u d-disposizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex ikunu konformi ma' din id-Direttiva mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 1980.

2. L-Istati Membri għandhom jassiguraw li ż-żerriegħa tal-pjanti ta' l-għalf ma tkunx suġġetta għall-ebda restrizzjonijiet tas-suq minħabba d-dati differenti ta' l-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.

Artikolu 3

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussel, 17 ta' Lulju 1980.

Għall-Kummissjoni
Finn GUNDELACH
Viċi-President

[1] ĠU 125, tal-11.7.1966, pġ. 2298/66.
[2] ĠU L 205, tat-13.8.1979, pġ. 1.